**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Preliminari Numru 2345
Każ Numru 3191/KBC

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn:
Hakki Cosgun (ID No: 34391A)
u
Leo Gove (ID No: 216781M)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tad-9 ta' Jannar, 2014, li permezz tiegħu talab lil dan it-Tribunal isib li l-impjieg tiegħu mall-intimat ġie terminat mingħajr raġuni valida u konsegwentement jikkundanna lill-intimat iħallas kumpens għat-terminazzjoni tal-impjieg.

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrent.

Ra r-risposta tat-28 ta' Jannar, 2014, tal-intimat;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Saliba (rappreżentant tal-ETC) u tal-PL Quentin Tanti (rappreżentant tal-MFSA);

Sema' x-xhieda tal-intimat;

Ra li fis-seduta tat-24 t'Ottubru, 2014, il-partijiet ittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u l-każ tħalla għad-deċiżjoni preliminari dwar l-istess eċċezzjoni;

**Ikkunsidra:-**

Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-intimat jikkontendi "in linea preliminari" li "fil-vesti personali tiegħu mhuwiex l-employer u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju."

Illi mill-atti u provi prodotti mill-partijiet jirriżulta lil dan it-Tribunal illi:

1. Il-partnership en nom collettif ġie kostitwit fit-22 ta' Lulju, 2003, bl-isem "Leo Govè and Eric Baldacchino" u bin-numru ta' reġistrazzjoni P958;
2. Illi skont l-employment history tar-rikorrent (Dok. JS1) huwa ġie ngaġġat bħala Chef ma' "Mr Kebab" fil-21 ta' Mejju, 2009;
3. Illi l-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg aċċettata mill-ETC (Dok. JS2) tindika bħala "Name and Surname of employer" lil "Leo Govè & Eric Baldacchino" u bħala "Name of firm" l-isem ta' "Mr Kebab". Din il-formola ma fiha ebda ndikazzjoni li l-prinċipal huwa xi soċjetà u lanqas hemm fiha ir-referenza tal-kumpanija "P958". Illi taħt "Part II", l-istess formola tindika d-data tal-bidu tal-ingaġġ bħala t-28 t'April, 2008, li għalhekk ma taqbilx mad-data li hemm fuq Dok. JS2.
4. Illi jirriżulta għalhekk li l-ETC ma vverifikatx l-informazzjoni sottomessa fil-formola ta' tmiem ta' mpjieg peress li tali informazzjoni ma taqbilx lanqas ma' nformazzjoni oħra sottomessa mir-rappreżentant tal-ETC. Din il-formola lanqas ma hi ffirmata mill-impjegat, u għalhekk ma jistax lanqas jingħad li l-impjegat aċċetta d-dikjarazzjoni magħmula mill-prinċipal bħala waħda korretta.
5. Illi mir-rapport magħmul mill-intimat lill-Pulizija, dwar każ ta' serq allegat mir-rikorrent, hemm rapportat li l-intimat kien stqarr li l-intimat kien "working with him these last years" meta huwa nnota lill-intimat jisraq mill-cash. Hawn ukoll ma ssib ebda ndikazzjoni li hemm partnership involuta fir-relazzjoni bejn il-prinċipal u l-impjegat.

6. Illi lanqas fl-ittra (bla data) ffirmata minn Leo Gove u Eric Baldacchino u mibgħuta lill-ETC ma hemm indikazzjoni ta' soċjetà reġistrata, tant li l-ittra tgħid li Leo Gove u Eric Baldacchino huma "partners of Mr. Kebab".
7. F'Dok. JG1, imbgħad, hemm referenza għal Employer "Name in Block Letters" lil "Leo Govè" bid-designation tiegħu bħala "Owner" u aktar l-isfel l-Employer huwa ddikjarat bħal "Leo Govè & Eric Baldacchino". Lanqas hawn ma ssib referenza għal "P958".
8. Illi l-intimat identifika ruħu bħala "Partner" ta' "Leo Govè and Eric Baldacchino" u skont artiklu 18 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn jirrigwarda soċjetà *en collectif*, "Persuna li qed tippreżenta ruħha bħala soċju tinżamm responsabbli mingħajr limitu u *in solidum* mas-soċji għall-obbligazzjonijiet kollha li jkunu saru mis-soċjetà."

It-Tribunal ikollu jinnota li l-informazzjoni ippreżentata mir-rappreżentant tal-ETC hija waħda ambigwa u għalhekk inattendibbli u, minkejja li dik il-Korporazzjoni jista' jkollha rwol ewlieni biex tirrisolvi kwistjonijiet tan-natura li din is-sentenza qegħda tittratta, effettivament ma kienx il-każ fiċ-ċirkostanzi odjerni. Fit-trattazzjoni tal-intimat, jingħad li kien nuqqas tar-rikorrent li ma ċċekkjax mal-ETC min kien l-employer tiegħu. Iżda wara li eżamina d-dokument esebiti mill-ETC, it-Tribunal ma jħossx li jista' jafdahom biex jeskludi li l-intimat kien il-prinċipal f'dan il-każ.

It-Tribunal jinnota wkoll li, filwaqt li l-intimat eċċepixxa li mhux il-prinċipal tal-intimat, huwa naqas li jippreżenta xi kuntratt ta' mpjieg bil-miktub jew id-dikjarazzjoni minima meħtieġa ai termini tar-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati, liema nformazzjoni kellha tinkludi l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u post tan-negozju reġistrat tal-prinċipal. L-obbligu li jidentifika l-isem tal-prinċipal huwa għalhekk tal-prinċipal innifsu u mhux tal-ETC.

Fid-dawl tal-premess, u fuq evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiemu, dan it-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrent *proprio* ġie korrettement identifikat mir-rikorrent bħala prinċipal tiegħu.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jiddikjara li l-intimat huwa prinċipal tar-rikorrent, u konsegwentement jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, u jordna għalhekk il-prosegwiment tas-smiegħ tal-każ.**

**Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**